MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-25 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 802/2005

**Sundry Limited (C-9297) gia maghrufa bhala Muscat Servicing Limited**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta’ attrici fl-1 ta’ Settembru, 2005, li *in forza* taghha wara li esponiet illi:

Fil-25 ta’ Awissu, 2005 is-socjeta’ attrici rceviet ittra ufficcjali datata 19 ta’ Awissu, 2005 ghall-hlas tat-taxxa tal-FSS u tat-taxxa addizzjonali relattiva, mill-konvenut il-Kummissarju tat-Taxxi Interni (hawn annessa u mmarkata Dok *“A”*);

*Inter alia* fl-imsemmija ittra ufficcjali l-konvenut interpella lis-socjeta' attrici sabiex thallas is-somma ta' tlett elef u erba' Liri Maltin (Lm3,004) *in kwantu* ghal:

- Elfejn u mitejn u erba' u tmenin lira Maltin (Lm2,284) bhala somma minnu stabbilita skond ir-regola 24 tar-Regoli ta' l-1998 dwar il-*Final Settlement System* (Avviz Legali 88/98) u l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, u
- Seba' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm720) bhala taxxa Addizzjonali imposta skond ir-regola 24(1) tar-Regoli ta' l-1998 dwar il-*Final Settlement System* u l-Att tal-2994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, ghas-snin bazi 2000, 2001, 2002, u 2003;

Is-socjeta' attrici qatt ma rceviet l-ebda Avviz ta' talba ghall-hlas tal-ammont hawn fuq imsemmi, *ai termini* tar-Regolament 24 tar-Regoli dwar il-*Final Settlement System*, *stante* illi l-Avviz ta' talba ghall-hlas, datata 16 ta' Mejju, 2005, (hawn annessa u mmarkata Dok *'B'*) kienet intbaghatet lil Adrian Busietta f'ismu personali, u mhux lis-socjeta' attrici;

Il-konvenut qieghed jivvanta li ghandu titolu ezekuttiv *ai termini* ta' l-Artikolu 40(1)(b) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, kif jirrizulta mit-twissija tieghu fil-paragrafu finali ta' l-ittra ufficcjali tat-19 ta' Awissu, 2005 (Dok. A) *"Fin-nuqqas ta' hlas fi zmien jumejn fuq imsemmi, il-mittenti iwissik illi ai termini ta' l-Artikli hawn fuq imsemmija, huwa jghaddi biex b'atti ezekuttivi, jesegwixxi l-kreditu tieghu immedjatament"*.

Il-konvenut ma baghat l-ebda Avviz ta' nuqqas ta' tharis u/jew Avviz ta' nuqqas ta' hlas *ai termini* tas-subregoli (1) u (4) tar-Regolament 24 tar-Regoli dwar il-*Final Settlement System* fil-konfront tas-socjeta' attrici, jsegwi illi l-konvenut ma jista' jkollu l-ebda titolu ezekuttiv validu skond il-ligi;

*In vista* tal-fatt li l-konvenut naqas milli japplika fil-konfront tas-socjeta' attrici l-procedura mehtiega skond ir-

regolamenti u l-ligijiet fiskali, jsegwi li t-titolu vantat mill-konvenut mhuwiex enforzabbli kontra s-socjeta’ attrici;

L-ittra ufficcjali (Dok. A) ghandha ghaldaqstant titqies bhala Avviz ta’ talba ghall-hlas skond ir-Regolament 24 tar-Regoli dwar il-*Final Settlement* u s-socjeta’ attrici skond ir-regolamenti tal-istess ghandha d-dritt tikkontesta tali avviz billi tiftah kawza f’Qorti tal-Gustizzja fi zmien hmistax-il jum mid-data tan-notifika, sabiex il-konvenut ma jkollux titolu esekuttiv skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 40 ta’ l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa;

Is-socjeta’ attrici kienet ghal diversi snin f’qaghda finanzjarja mwiergha tant illi mis-sena 2000 ma kienitx ghadha topera u *di konsegwenza* ma kellhiex ammonti ta’ FSS xi thallas lill-konvenut ghas-snin bazi 2000 sa 2003;

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut m’ghandu l-ebda titolu ezekuttiv validu kontra s-socjeta’ attrici skond ir-regolamenti dwar il-*Final Settlement System* (A.L. 88 ta’ 1998) u l-Att ta’ l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, ghall-hlas tat-taxxa tal-FSS u tat-taxxa addizzjonali ghas-snin bazi 2000 sa 2003;

2. Tiddikjara li s-socjeta’ attrici mhijiex responsabbli ghall-hlas tat-taxxa tal-FSS u tat-taxxa addizzjonali fl-ammont komplessiv ta’ tlett elef u erba’ Liri Maltin (Lm3,004) jew parti minnu, kif indikat mill-konvenut, fl-ittra ufficcjali (Dok. A);

3. Tordna li s-socjeta’ attrici m’ghandha taghti l-ebda somma lill-konvenut ghall-hlas tat-taxxa tal-FSS u tat-taxxa addizzjonali ghas-snin bazi 2000 sa 2003 u fin-nuqqas tillikwida dik is-somma dovuta mis-socjeta’ attrici lill-konvenut okkorrendo bl-opera ta’ periti komputisti nominandi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li *in forza* taghha huwa eccepixxa illi:

Il-procedura attrici hija intempestiva u ghandha tigi respinta.

M'huwiex minnu li s-socjeta' attrici qatt ma rceviet xi avviz ta' talba ghall-hlas. L-avviz inhareg fuq Adrian Busietta bhala direttur ta' Muscat Servicing Limited, u infatti hareg fuq l-indirizz tal-kumpannija. Ghalkemm ma kienx hemm indikati fuq l-avviz il-kliem *"bhala direttur ta'"*, galadarba avviz jinhareg kontra persuna fl-indirizz tal-kumpannija li taghha tkun direttur, huwa implicitament mifhum li dan ikun qieghed jintbaghat lil tali persuna fil-kwalita' taghha ta' rapprezentant ufficcjali tal-kumpannija.

Wiehed ma jridx jinza wkoll li qabel l-imsemmi avviz l-esponent kien diga' baghat lil Busietta avviz ta' nuqqas ta' tharis, u dan billi *ai termini* ta' l-Artikolu 24 tar-Regoli dwar l-FSS huwa kellu l-fakulta' idur fuq il-pagatur (is-socjeta' attrici) u *"jitlob lilu* ***jew lir-rapprezentant tieghu*** (ie f'dan il-kaz id-direttur Adrian Busietta) *li jsewwi n-nuqqas u jhallas dik it-taxxa fi zmien ghaxart ijiem mid-data meta jkun gie lilu notifikat dak l-avviz"* (enfasi u kliem tra parentesi mizjud mill-esponent).

B'hekk, meta lil Adrian Busietta ntbaghtulu z-zewg avvizi, dawn intbaghtulu bhala rapprezentant tal-pagatur. Ghalhekk ma jaghmel ebda sens li jinghad li l-avvizi intbaghtu lilu personalment. Kieku dan kien il-kaz, l-avvizi ma kienux ikunu jirrigwardaw il-kontribuzzjonijiet ta' l-FSS tal-haddiema ta' *Sundry Limited*! Infatti, harsa lejn it-talba ghall-hlas infisha tirrendi ovvju l-fatt li l-kumpannija attrici qed tipprova tghatti x-xemx bl-gharbiel f'dan il-kaz! Dan billi ma jaghmilx sens u ma jistax ragjonevolment jitqies li l-avviz partikulari huwa dirett biss kontra Adrian Busietta personalment.

Ovvjament, l-avvizi ikunu wkoll applikabbli kontra Adrian Busietta personalment, izda din mhix applikazzjoni awtomatika; ghall-kuntrarju, Adrian Busietta jista' biss jigi mixli personalment jekk jirrizulta *ai termini* ta' l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa li huwa kellu *"fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tiehu xi proprjeta' tal-korp ta' persuni li setghet tintuza biex tithallas it-taxxa li tkun dak iz-zmien dovuta"*. Jekk l-esponent jirnexxilu jipprova dan, allura awtomatikament jista' jipprocedi kontra Adrian Busietta bhal ma jista' jaghmel kontra kull direttur iehor f'sitwazzjoni simili sabiex jigbor it-taxxa dovuta. Huwa ghalhekk li l-ittra ufficcjali ta' l-esponent harget kontra Busietta kemm personalment kif ukoll bhala direttur ta' Muscat Servicing Ltd. F'dan l-istadju, *pero'*, l-esponent ghadu ma jistax jikkonstata b'certezza li Adrian Busietta huwa responsabbli personalment ghal xi hlas u ghaldaqstant zgur li mhux se jaghzel li jipprocedi kontrih personalment biss.

Ghalhekk galadarba l-avviz ta' talba ghall-hlas gie regolarment notifikat lis-socjeta' attrici *tramite* persuna li skond l-informazzjoni li kellu l-esponent kien wiehed mid-diretturi taghha, wiehed allura jikkonkludi li t-titolu ezekuttiv vantat mill-esponent huwa validu u l-kumpannija attrici m'ghandhiex tkompli tittratieni biex thallas l-ammont dovut.

Ghaldaqstant, din ic-citazzjoni hija *fuori termini oltre* ghall-fatt li hija ibbazata fuq premessi skorretti, u ghandha tigi respinta b'mod *intier* minn din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentata tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat li, f'dan l-istadju, it-trattazzjoni tal-kawza giet limitata ghall-ewwel talba attrici;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel talba tas-socjeta' attrici, fid-dawl tal-eccezzjoni ta' intempestivita' sollevata mill-konvenut;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li l-konvenut ghandu pretensjoni kontra s-socjeta' attrici ghall-ammont globali ta' Lm17,969, dovuta kwantu ghall:

Lm2,284.00 bhala somma minnu stabbilita skond ir-regola 24 tar-Regoli ta' l-1998 dwar il-*Final Settlement System* (Avviz Legali 88/98) u l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa; kif ukoll

Lm10,864.00 bhala somma minnu stabbilita skond l-artiklu 116 ta' l-Att dwar is-Sigurta' Socjali (Kap. 318), bhala ammont totali ta' tnaqqis li kellu jsir mill-pagi u s-salarji ta' l-impjegati ta' MUSCAT SERVICING LTD matul il-perjodu: SNIN BAZI 2000, 2001, 2002, 2003

dwar liema xhur ma saritx rimessa kif mehtiega skond ir-Regola 15(1) ta' l-istess Regoli kif ukoll skond l-artikolu 116 ta' l-Att dwar is-Sigurta' Socjali (Kap. 318); u *kwantu* ghal

Lm720.00 bhala Taxxa Addizzjonali imposta skond ir-regola 24(1) tar-Regoli ta' l-1998 dwar il-*Final Settlement System* u l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa; u kwantu ghal

Lm4,101.00 bhala Kontribuzzjoni Addizzjonali imposta skond l-Artiklu 116(1)(b) ta' l-Att dwar is-Sigurta' Socjali (Kap. 318).

*A tenur* tal-provedimenti tal-artikolu 23 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta) u r-Regoli tal-1998 dwar *Final Settlement System* (FSS), mahruga bis-sahha tas-setghat moghtija bl-indikat artikolu 23 tal-imsemmi Att (Avviz Legali 88/1998), il-konvenut l-ewwel hareg avviz ta' Nuqqas ta' Tharis tar-Regoli tal-FSS, u sussegwentement hareg Avviz iehor fejn talab il-

hlas ta’ din is-somma b’twissija li t-talba ghall-hlas ikollha effett ta’ titolu ezekuttiv jekk dak l-avviz ma jigix ikkontestat kif trid il-ligi.

Dan l-ahhar Avviz inhareg fis-16 ta’ Mejju, 2005, u inhareg hekk:

“Mr Adrian Busietta
Muscat Servicing Ltd.
Triq Ganni Bencini,
Gzira”

Wara dan l-Avviz, ma saret ebda kontestazzjoni *da parti* tas-socjeta’ attrici, u peress li ma sarx hlas, fid-19 ta’ Awissu, 2005, inharget Ittra Ufficcjali bit-twissija li jekk il-hlas jibqa’ ma jsirx, il-konvenut jghaddi biex b’atti ezekuttivi jesegwixxi l-kreditu tieghu immedjatament.

Dik l-Ittra Ufficcjali inharget hekk:

*“Lil Adrian Busietta, personalment u bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Muscat Servicing Ltd”*.

Wara n-notifika ta’ din l-Ittra Ufficcjali, is-socjeta’ attrici resqet dawn il-proceduri fejn qed tattakka l-pretensjoni tal-konvenut.

Is-socjeta’ attrici qed tikkontesta dan il-pretiz titolu ezekuttiv peress li qed issostni li t-tieni Avviz fuq imsemmi ma inhareg kontra taghha, u *kwindi* la darba l-ligi trid zewg avvizi qabel il-pretensjoni tal-konvenut tista’ tigi konvertita f’titolu ezekuttiv, u la darba l-istess socjeta’ qed tikkontesta b’dawn il-proceduri l-pretensjonijiet tal-konvenut, ma jistax jinghad li, f’dan l-istadju, jezisti titolu ezekuttiv kontra taghha. Il-konvenut jirribadixxi li mill-kontenut tat-tieni Avviz, kellu jkun *“implicitament mifhum”* li dan inhareg kontra persuna bhala ufficcjal tal-kumpanija.

Din il-Qorti tibda’ biex tghid li f’ligijiet ta’ natura fiskali ma jista’ jkun hemm xejn *“implicitu”*, izda kollox irid jirrizulta preciz mill-provedimenti tal-ligi. L-imposizzjoni tat-taxxa u

l-metodi, xi kultant drakonjani, stabbiliti ghall-gbir tat-taxxa, jridu jirrizultaw cari u precizi fil-ligi, u mhux *per impliciter*. L-istess regoli jridu jigu applikati fil-limiti strettissimi taghhom, u ma tistax tinghata interpretazzjoni li titbieghed minn dik litterali.

Kif gie kwotat fil-kawza <u>"Waldorf Car Hire Ltd vs Habitat Ltd"</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Marzu, 2004,

*"La interpretazione delle leggi fiscali, anche nel dubbio, dev'essere quella letterale e non necessariamente quella piu' benigna al contribuente, ne' possono sempre le leggi tributarie interpretarsi colle regole di diritto comune"*. **(Kollez Vol XXVIII pl p523)**.

Intqal ukoll illi *"ghad li hu veru in generali li l-applikazzjoni tal-ligi specjali dwar it-taxxa ma tistax tigi insulata mil-ligi civili ordinarja, huwa ugwalment veru li meta d-disposizzjoni tal-ligi specjali hi cara, jew insomma l-Qorti tkun tal-fehma li dik id-disposizzjoni ghandha jkollha certa interpretazzjoni, l-Qorti ma tistax tiddiklina milli tapplikaha ghalkemm jista' jkun jidher li hemm jew li jista' jkun hemm konflitt ma' l-ordinament taht il-ligi generali"* – <u>"A.B. – vs – Joseph Mifsud Bonnici bhala Kummissarju tat-Taxxi Nterni"</u>, (Kaz numru 63), Appell, 20 ta' ta' Awissu, 1967.

Issa l-artikolu 23 tal-imsemmi Kap. 372, jiddisponi li l-Avviz ghandu jintbaghat lil dik il-persuna li tkun naqset li taghmel il-hlasijiet dovuti. Ir-Regolamenti li jirregolaw l-ghoti tal-Avvizi, dawk mahruga bl-Avviz Legali 88 tal-1998, jipprovdu, fir-regolament 24, li l-Avvizi ghandhom jintbaghatu lill-*"pagatur"*. Dan ir-regolament jipprovdi hekk fil-partijiet rilevanti tieghu:

*"**24.** (1) Meta pagatur jonqos li jhares xi dispozizzjoni ta' dawn ir-regoli kif indikat fl-Iskeda C li tinsab ma' dawn ir-regoli, il-Kummissarju jista', minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni ohra li ghandu s-setgha jiehu taht id-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, jimponi fuq dak il-pagatur dik it-taxxa addizzjonali FSS rispettiva li hemm preskritta fl-Iskeda msemmija, javza lill-*

*pagatur permezz ta' avviz ta' nuqqas ta' tharis dwar l-ammont ta' dik it-taxxa addizzjonali u r-raguni ghaliex tkun qeghda tigi imposta u jitlob lilu jew lir-rapprezentant tieghu li jsewwi n-nuqqas u jhallas dik it-taxxa fi zmien ghaxart ijiem mid-data meta jkun gie lilu notifikat dak l-avviz skond il-paragrafu (2) ta' din ir-regola.*

*(4) Meta l-Kummissarju jichad il-kontestazzjoni prezentata mill-pagatur kontra avviz ta' nuqqas ta' tharis jew meta l-pagatur ma jkunx ikkontesta dak l-avviz kif provdut fil-paragrafu (3) ta' din ir-regola, il-Kummissarju ghandu jgharraf lill-pagatur skond hekk u jinnotifikah b'avviz ta' talba ghal hlas li fih javzah li jekk huwa ma jikkontestax dan l-ahhar avviz f'Qorti tal-gustizzja fi zmien hmistax-il gurnata mid-data tan-notifika tieghu dan jikkostitwixxi titolu ezekuttiv skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 40 ta' l-Att."*

Skond l-istess Regolamenti, *"pagatur"* huwa imfisser hekk:

*""pagatur" tfisser kull persuna li thallas l-emolumenti, jew li thallas, jew li jkollha thallas, emolumenti kemm akkont taghha jew f'isem xi persuna ohra u tinkludi Dipartiment tal-Gvern, persuni fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, korporazzjonijiet pubblici u l-ufficjali taghhom, u korpijiet ta' nies ohra u l-ufficcjali taghhom"*.

Issa, huwa principju, kemm tal-ligi tat-taxxa (artikolu 70 tal-Kap. 123) kif ukoll tal-ligi dwar is-Sigurta' Socjali (artikolu 123 tal-Kap. 318), li responsabbli ghall-hlas tal-emolumenti dovuti, f'kaz ta' persuna morali, tkun l-istess persuna morali u dawk il-persuni fizici li jkollhom it-tmexxija effettiva tal-persuna morali.

Jigifieri, r-responsabbilita' ghall-hlas hija mitfuha kemm fuq il-korp morali kif ukoll fuq ir-rappresentanti fizici taghha. F'dan il-kaz, mhux kontestat li Adrian Busietta ghandu r-rappresentanza legali tas-socjeta' attrici, u allura r-responsabbilita' tal-hlas hija taz-zewg *"persuni"* indikati.

Ir-regolament 24(1) jiddisponi li l-Avviz jista' jintbaghat *"lilu jew lir-rapprezentant taghha"*, u l-Qorti taccetta li, bhala

regola generali, jekk l-Avviz sejjer jintbaghat lil xi hadd fil-kwalita' tieghu ta' *"rapprezentant"*, dik il-kwalita' tieghu trid tigi indikata, ghax fin-nuqqas, l-Avviz ghandu jitqies li ntbaghat *"lilu"* personalment, (ara bhala rifless fuq dan il-principju generali l-kawza "Bonnici noe vs Grima", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-30 ta' April, 1992).

F'dan il-kaz, *pero'*, il-ligi taghti definizzjoni partikolari ta' min hu l-*"pagatur"*, u meta jintbaghat Avviz lill-pagatur, jitqies mibghut lil dik il-persuna kif mfissra fil-ligi. It-tieni avviz, fil-kaz *in ezami*, inhareg fuq isem Adrian Busietta li, allura, huwa l-*"pagatur"* indikat ghall-fini tal-istess avviz. Fl-avviz mahrug mill-konvenut, Adrian Busietta gie indikat bhala l-persuna li ghandha thallas l-emolumenti, u peress li dan ghandha taghmlu *"kemm akkont taghha jew f'isem xi persuna ohra"*, hu gie indikat tajjeb b'semplici indikazzjoni ta' ismu. Fi kliem iehor, skond din il-ligi, meta xi hadd hu obbligat ihallas f'isem persuna ohra, kull ma hu mehtieg hu li dak il xi hadd jigi ndikat bhala l-*"pagatur"*, ghax, bis-sahha tal-ligi, dik il-persuna hekk indikata *"tfisser"* dik il-persuna li ghandha thallas kemm akkont taghha jew f'isem xi persuna ohra.

Bhala regola generali, l-isem u l-kunjom ta' persuna ghandhom jitqiesu li jirreferu biss ghal dik il-persuna u ghall-hadd aktar, *pero'*, f'dan il-kaz, minhabba ligi specjali, isem u kunjom ta' persuna tfisser dik il-persuna li ghandha thallas akkont taghha jew f'isem xi persuna ohra, u la darba Adrian Busietta ghandu jhallas kemm akkont tieghu u kemm f'isem persuna ohra (is-socjeta' attrici), l-avviz mibghut fuq ismu jisodisfa l-vot tal-ligi. *Kwindi* l-kontestazzjoni kellha issir fiz-zmien hmistax-il gurnata wara t-tieni Avviz datat 16 ta' Mejju, 2005, u mhux min-notifika tal-Ittra Ufficcjali. Is-socjeta' attrici qed tqies bhala tieni avviz, l-indikata Ittra Ufficcjali, izda din il-Qorti ma taqbilx li l-Avviz tas-16 ta' Mejju, 2005, ghandu jitqies li ma nhareg fil-konfront taghha wkoll. La darba hu hekk, l-eccezzjoni tal-konvenut li l-azjoni odjerna saret *fuori termine* timmerita li tigi akkolta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------